

Brussell, 27 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9134/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0056(NLE)**

**SOC 353
EMPL 263
ECOFIN 479
EDUC 238**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8838/19	
Nru dok. Cion: 7015/19	
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri - Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

Fis-27 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, abbażi tal-Artikolu 148(2) TFUE. Għall-2019, il-Kummissjoni pproponiet li l-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri tal-2018 ma jinbidlux. Fl-2018, dawn ġew allinjati mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali¹.

¹ L-ewwel darba li ġew adottati l-linji gwida dwar l-impjiegi kien fl-2010 bħala pakkett integrat flimkien mal-linji gwida ġenerali ekonomiċi li jsejsu l-Istrateġija Ewropa 2020.

Il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) bagħat l-Opinjoni² tiegħu rigward il-linji gwida dwar l-impjiegi lill-Kunsill, inkluż il-kontribut tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC) dwar l-aspetti soċjali tal-linji gwida. Fil-ħidma tagħhom, iż-żewġ kumitati qiesu kif xieraq l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew, li ġiet adottata fis-seduta plenarja tiegħu tal-20 ta' Marzu 2019.

Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu tal-21 u t-22 ta' Marzu 2019, ikkunsidra s-sitwazzjoni tal-impjiegi tal-Unjoni u adotta konklużjonijiet dwar dan.

Abbażi tal-ħidma tal-Kumitati, fis-6 ta' Mejju 2019 il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali eżamina l-proposta. Meta għamel dan, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali qies ukoll l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew biex japprova l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr ma jimmodifikaha.

Il-Kumitat tar-Regġuni ddeċieda li ma jagħtix opinjoni dwar il-proposta³. L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ġiet adottata fil-plenarja tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2019.

Il-Kunsill issa għandu l-opinjonijiet kollha meħtieġa għall-eżami tiegħu tal-linji gwida dwar l-impjiegi għall-2019.

It-test tal-linji gwida dwar l-impjiegi huwa meħmuż għall-informazzjoni (Anness I).

II. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jeżamina l-pakkett sħiħ ta' opinjonijiet u, jekk ikun xieraq, jirrakkomanda lill-Kunsill (EPSCO) biex jadotta l-linji gwida dwar l-impjiegi fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Lulju 2019, kif iffinalizzati mill-ġuristi-lingwisti u kif jinsabu fid-dokument 10475/19.

² Ittra mill-President tal-EMCO fid-29 ta' April 2019.

³ Ittra mill-Kumitat tar-Regġuni fit-8 ta' Mejju 2019.

Linji gwida dwar l-Impjiegi kif jinsabu fid-Deċiżjoni (UE) 2018/1215 u fid-dokument tal-Kummissjoni 7015/19**Linja gwida 5: Nagħtu spinta lid-domanda għax-xogħol**

L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, inkluż billi jnaqqsu l-ostakli li n-negozji jiffaċċaw biex jimpjegaw in-nies, billi jrawmu intraprenditorija responsabbli u impjeg indipendenti ġenwin u, b'mod partikolari, billi jappoġġaw il-ħolqien u t-tkabbir ta' intrapriżi mikro u żgħar. L-Istati Membri għandhom jippromwovu b'mod attiv l-ekonomija soċjali u jrawmu l-innovazzjoni soċjali. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu dawk il-forom innovattivi ta' impjeg li joħolqu opportunitajiet ta' impjeg ta' kwalità.

Il-piż tat-taxxa għandu jiċċaqlaq mix-xogħol għal sorsi oħra ta' tassazzjoni li jagħmlu inqas ħsara lill-impjiegi u t-tkabbir, filwaqt li jittieħed kont tal-effett ridistributtiv tas-sistema tat-taxxa, filwaqt li jiġi protett id-dħul għal protezzjoni soċjali adegwata u nfiq li jsaħħaħ it-tkabbir.

L-Istati Membri għandhom, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija tas-sħab soċjali, jinkoraġġixxu mekkaniżmi trasparenti u prevedibbli li jiffissaw il-pagi li jippermettu li l-pagi jirrispondu għall-iżviluppi fil-produttività u jipprovdu pagi ġusti għal livell ta' għajxien deċenti. Dawn il-mekkaniżmi għandhom jieħdu kont tad-differenzi fil-livelli ta' ħiliet u d-diverġenzi fil-prestazzjoni ekonomika bejn reġjuni, setturi u kumpaniji. Filwaqt li jirrispettaw Prattiki nazzjonali, l-Istati Membri u s-sħab soċjali għandhom jiżguraw livelli tal-paga minima adegwati, filwaqt li jieħdu kont tal-impatt tagħhom fuq il-kompetittività, il-ħolqien tal-impjiegi u l-faqar fost min għandu xogħol.

Linja gwida 6: Insaħħu l-provvista ta' ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjiegi, il-ħiliet u l-kompetenzi

Fil-kuntest ta' bidla teknoloġika, ambjentali u demografika, l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-produttività u l-impjegabbiltà, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, permezz ta' provvista adegwata ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi rilevanti matul il-ħajja tax-xogħol tan-nies, li jwieġeb għall-ħtiġijiet attwali u futuri tas-suq tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-investment meħtieġ kemm fl-edukazzjoni u fit-taħriġ inizjali kif ukoll f'dawk kontinwi (taġħlim tul il-ħajja). Għandhom jaħdmu flimkien mas-sħab soċjali, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-intrapriżi u partijiet ikkonċernati oħra biex jindirizzaw id-dgħufijiet strutturali fis-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, biex jipprovdu edukazzjoni, taħriġ u taġħlim tul il-ħajja inklussivi u ta' kwalità. Għandhom ifittxu li jiżguraw it-trasferiment ta' intitolamenti tat-taħriġ matul transizzjonijiet professjonali. Dan għandu jippermetti lil kulħadd li jantiċipa u jadatta aħjar għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u jiġġestixxi b'suċċess it-transizzjonijiet, u b'hekk tissaħħaħ ir-reżiljenza ġenerali tal-ekonomija għax-xokkijiet.

L-Istati Membri għandhom irawmu opportunitajiet indaqs għal kulħadd fl-edukazzjoni, inkluż l-edukazzjoni bikrija tat-tfal. Għandhom jgħollu l-livelli ġenerali tal-edukazzjoni, b'mod partikolari għal dawk l-inqas kwalifikati u studenti li ġejjin minn ambjenti żvantaġġati. Għandhom jiżguraw eżiti tat-taġħlim ta' kwalità, isaħħu l-ħiliet bażiċi, inaqqsu l-għadd ta' żgħażaġh li jtitilqu kmieni mill-iskola u jżidu l-parteciċipazzjoni tal-adulti fil-kontinwazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ. L-Istati Membri għandhom isaħħu t-taġħlim ibbażat fuq ix-xogħol fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali taġħhom (inkluż permezz ta' apprendistati effettivi u ta' kwalità), isaħħu r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni terzjarja, itejbu l-monitoraġġ u l-previżjoni tal-ħiliet, jagħmlu l-ħiliet aktar viżibbli u komparabbli u jżidu l-opportunitajiet għar-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-ħiliet u kompetenzi miksuba lil hinn mill-edukazzjoni u t-taħriġ formali. Għandhom itejbu u jżidu l-provvista u l-użu tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kontinwi flessibbli. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw ukoll adulti bi ftit ħiliet biex iżommu jew jiżviluppaw l-impjegabbiltà fit-tul taġħhom billi jagħtu spinta lill-aċċess għal opportunitajiet ta' taġħlim ta' kwalità u t-twettiq taġħhom, permezz tal-istabbiliment ta' Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet, inkluż valutazzjoni tal-ħiliet, offerta ta' edukazzjoni u taħriġ li jlaqqgħu l-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol u l-validazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħiliet miksuba.

Il-qgħad u l-inattività għandhom jiġu indirizzati, inkluż permezz ta' assistenza koordinata, f'waqtha, effettiva u mfassla apposta bbażata fuq l-appoġġ għal tfittix ta' impjieg, taħriġ u kwalifikazzjoni mill-ġdid. Għandhom jitwettqu strateġiji komprensivi li jinkludu valutazzjoni individwali fil-fond mhux aktar tard minn 18-il xahar qgħad bil-ħsieb li jitnaqqas u jiġi evitat b'mod sinifikanti l-qgħad strutturali u fit-tul. Il-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-kwistjoni ta' żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ, għandhom jiġu indirizzati permezz tal-prevenzjoni ta' tluq bikri mill-iskola u t-titjib strutturali fit-transizzjoni mill-iskola għax-xogħol, inkluż permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Garanzija għaż-Żgħażaġh⁴.

L-Istati Membri għandhom ineħħu l-ostakli u d-diżinċentivi għall-parteciġazzjoni fis-suq tax-xogħol, u jipprovdu l-inċentivi għaliha, b'mod partikolari għall-aktar persuni mneħħija mis-suq tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw ambjent adattat għax-xogħol għal persuni b'diżabilità, inkluż permezz ta' appoġġ finanzjarju mmirati u servizzi finanzjarji li jippermettulhom li jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-ugwaljanza bejn is-sessi u aktar partiċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, inkluż permezz ta' opportunitajiet indaqs u progressjoni tal-karriera u tneħħija tal-ostakli għall-parteciġazzjoni. Id-differenza bejn il-paġi tal-irġiel u n-nisa għandha tiġi indirizzata, inkluż bl-iżgurar ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali. Jenħtieġ li tiġi promossa r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, b'mod partikolari permezz ta' aċċess għal kura fit-tul u servizzi tal-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli u ta' kwalità. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li ġenituri u persuni oħra b'responsabbiltajiet ta' kura jkollhom aċċess għal leave adatt tal-familja u arranġamenti flessibbli tax-xogħol sabiex jintlaħaq bilanċ bejn ix-xogħol, il-familja u l-ħajja privata, u jippromwovu użu bilanċjat ta' dawn l-intitolamenti bejn in-nisa u l-irġiel.

⁴ ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1

Linja gwida 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali

Sabiex jibbenefikaw minn forza tax-xogħol dinamika u produttiva, minn xejriet tax-xogħol u mudelli kummerċjali ġodda, l-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien mas-sħab soċjali fuq il-prinċipji ta' flessibbiltà u sigurtà, li jibbilanċjaw id-drittijiet u l-obbligi. Għandhom inaqqsu u jipprevjenu s-segmentazzjoni fis-swieq tax-xogħol, jiġġieldu kontra x-xogħol mhux iddikjarat u jrawmu it-transizzjoni lejn forom ta' impjieg miftuħa. Ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-impjiegi, il-liġi tax-xogħol u l-istituzzjonijiet ilkoll għandhom jipprovdu kemm ambjent adatt għar-reklutaġġ, kif ukoll il-flessibbiltà meħtieġa għall-impjegaturi biex jadattaw malajr għal bidliet fil-kuntest ekonomiku, filwaqt li jiġu preservati ambjenti adatti tax-xogħol siguri u tajbin għas-saħħa, sikuri u adattati tajjeb għall-ħaddiema. Għandhom jiġu evitati relazzjonijiet tax-xogħol li jwasslu għal kondizzjonijiet tax-xogħol prekarji, inkluż bil-ġlieda kontra l-abbuż ta' kuntratti atipiċi. L-aċċess għal riżoluzzjoni tat-tilwim effettiv u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat, għandhom jiġu żgurati f'każijiet ta' tkeċċija inġusta.

Il-politiki għandu jkollhom l-għan li jtejbu u jappoġġaw il-parteċipazzjoni, it-tlaqqiġ u t-transizzjonijiet tas-suq tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom iħeġġu u jsostnu b'mod effettiv lil dawk li jistgħu jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom isaħħu l-effettività ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol billi jagħmluhom aktar immirati, mifruxa, jilħqu aktar 'il bogħod u jorbtuhom aħjar mal-appoġġ għall-introjt u lil dawk qiegħda, waqt li jkunu qed ifittxu x-xogħol u abbażi tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom. L-Istati Membri għandu jkollhom l-għan ta' servizzi pubbliċi tal-impjiegi aktar effettivi u effiċjenti billi jiżguraw assistenza f'waqtha u mfassla apposta li tappoġġa lil dawk li qed ifittxu impjieg, jappoġġaw id-domanda tas-suq tax-xogħol u jimplimentaw ġestjoni bbażata fuq il-prestazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lil dawk qiegħda b'benefiċċji tal-qgħad adegwati ta' tul taż-żmien raġonevoli, skont il-kontribuzzjonijiet u r-regoli ta' eliġibbiltà nazzjonali tagħhom. Tali benefiċċji ma għandhomx ikunu ta' diżinċentiv għal ritorn lura ta' malajr għax-xogħol u għandhom ikunu akkumpanjati minn politiki attivi tas-suq tax-xogħol.

Il-mobbiltà ta' studenti u ħaddiema għandha tiġi promossa bl-għan li jittejjbu l-ħiliet ta' impjegabbiltà u jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-suq tax-xogħol Ewropew. Għandhom jitneħħew l-ostakli għal mobbiltà fl-edukazzjoni u t-taħriġ, fil-pensjonijiet okkupazzjonali u personali u fir-rikonoxximent ta' kwalifiki. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni biex jiżguraw li l-proċeduri amministrattivi ma jkunux ostaklu bla bżonn għall-ħaddiema minn Stati Membri oħra li jkunu ser jibdew fl-impjieġ. L-Istati Membri għandhom jipprevjenu wkoll l-abbuż tar-regoli eżistenti u jindirizzaw il-"Brain Drain" potenzjali minn ċerti reġjuni.

Filwaqt li jibnu fuq prattiki nazzjonali eżistenti, u sabiex jiksbu djalogu soċjali aktar effikaċi u eżiti soċjoekonomiċi aħjar, l-Istati Membri għandhom jiżguraw involviment f'waqt u sinifikanti tas-sħab soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi u politiki soċjali, tal-impjieġi u, fejn rilevanti, ekonomiċi, inkluż permezz ta' appoġġ għal kapaċità akbar tas-sħab soċjali. Is-sħab soċjali għandhom jiġu mħeġġa jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi fi kwistjonijiet rilevanti għalihom, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ l-awtonomija tagħhom u d-dritt għal azzjoni kollettiva.

Fejn rilevanti u filwaqt li jibnu fuq prattiki nazzjonali eżistenti, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-esperjenza fil-kwistjonijiet soċjali u tal-impjieġi ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti.

Linja gwida 8: Nippromwov l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu kontra l-faqar

L-Istati Membri għandhom jippromwov swieq tax-xogħol inklużivi, miftuħa għal kulħadd, billi jdaħħlu fis-seħħ miżuri effettivi għall-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u jippromwov opportunitajiet indaqs għal gruppi li ma jkunux rappreżentati biżżejjed fis-suq tax-xogħol. Għandhom jiżguraw it-trattament ugwali rigward l-impjieġi, il-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-aċċess għal oġġetti u servizzi, irrispettivament mis-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

L-Istati Membri għandhom jimmodernizzaw is-sistemi ta' protezzjoni soċjali biex jipprovdu protezzjoni soċjali effettiva, effiċjenti, sostenibbli u adegwata fl-istadji kollha tal-ħajja ta' individwu, li jrawwem l-inklużjoni soċjali u l-mobbiltà soċjali 'l fuq, jinċentiva l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u jindirizza l-inugwaljanzi, inkluż permezz tat-tfassil tas-sistemi ta' taxxi u benefiċċji tagħhom. L-ikkomplementar ta' approċċi universali ma' approċċi selettivi jtejjeb l-effettività tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali. L-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali għandha twassal għal aċċess, sostenibbiltà, adegwatezza u kwalità aħjar.

L-Istati Membri jenħtiegħ li jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji preventivi u integrati permezz tal-kombinament tat-tliet oqsma ta' inklużjoni attiva: appoġġ ta' dħul adegwat, swieq tax-xogħol inklużivi u aċċess għal servizzi ta' kwalità, li jissodisfaw il-ħtiġijiet individwali. Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali għandhom jiżguraw benefiċċji adegwati tad-dħul minimu għal dawk kollha li ma għandhomx biżżejjed riżorsi u jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jħeġġu lin-nies jipparteċipaw b'mod attiv fis-suq tax-xogħol u s-soċjetà.

Id-disponibbiltà ta' servizzi affordabbli, aċċessibbli u ta' kwalità bħall-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, il-kura barra l-iskola, l-edukazzjoni, it-taħriġ, l-akkomodazzjoni, is-servizzi tas-saħħa u l-kura fit-tul hija essenzjali biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs, inkluż għan-nisa, it-tfal u ż-żgħażaġh. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, inkluż it-tnaqqis tal-faqar fost dawk li jaħdmu u l-faqar fost it-tfal. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kulħadd ikollu aċċess għas-servizzi essenzjali. Għal dawk fil-bżonn jew f'sitwazzjoni vulnerabbli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess għal akkomodazzjoni soċjali adegwat jew assistenza ta' akkomodazzjoni. Il-problema ta' persuni mingħajr dar għandha tiġi indirizzata b'mod speċifiku. Għandu jittieħed kont tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' persuni b'diżabilità.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa kurattiva, preventiva u affordabbli u kura fit-tul ta' kwalità tajba, filwaqt li jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà fit-tul.

F'kuntest ta' lonġevità li qed tiżdied u tibdil demografiku, l-Istati Membri għandhom jassiguraw l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet għall-ħaddiema u persuni li jaħdmu għal rashom, li jipprovdi opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel biex jiksbu drittijiet tal-pensjoni, inkluż permezz ta' skemi supplimentari biex jiġi żgurat introjtu adegwat. Ir-riformi fil-pensjoni għandhom jiġu appoġġati minn miżuri li jestendu l-ħajjiet tax-xogħol, bħal biż-żieda tal-età effettiva tal-irtirar, u jkunu stabbiliti f' strateġiji għat-tixjiħ attiv. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu djalogu kostruttiv mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, u jippermettu introduzzjoni gradwali adatta tar-riformi.
